MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 95

**15 ta' Mejju 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mark George Abdilla - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard, u s-Sur Owen Patrick Attard.

**95.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

95.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

95.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva apoloġija mill-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla li nqabad xogħol. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**95.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

95.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 94 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

95.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsilliera s-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti tal-laqgħa numru 94 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**95.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

95.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech irringrazzjat lill-kunsilliera kollha li forsi mhux dejjem qbilna f'kollox għax dan ma tistax taqbel dejjem imma kulħadd ta s-servizz tiegħu. Il-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami rreċiproka f'isem il-kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista.

**95.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

95.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-bankini li qed isiru minn Infrastructure Malta qed isiru tal-konkos meta qabel kien hemm slabs u ma ħarġux il-fergħat tas-servizzi. Il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg qalet li hawn min jippreferihom tal-konkos għax iktar tista' timxi fuqhom. Il-Kunsillier is-Sur Fenech Adami qal li almenu nagħtu xi konkos bil-kulur. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li se titlob madankollu meta jsir *imprint* imur wara ftit fejn semmiet xi eżempji. Il-Kunsillier is-Sur Fenech Adami qal ukoll li hemm *bollards* bla dawl u bil-lejl huma perikolużi ħafna. Is-Segretarju ha jikteb lill-perit tal-proġett u jkellem lill-kuntrattur.

95.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal li fi Triq Notabile ħdejn il-ġnien li għadu kif infetaħ hemm palma mejta u hemm problema għax hemm bankina mħarbta. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qaltlu li qed titlob li dan ix-xogħol isir minn Transport Malta u titneħħa dik li qisha konka.

95.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal li l-*isleeping police* li qed isiru bit-tarmak huma problematiċi. Is-Segretarju qal illi pruvajna niffrankaw il-flus bihom pero' wara dawn l-ilmenti se jinbidlu f'tal-plastik.

95.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li kien dispjaċut li huma bħala kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista ma ġewx mistiedna għall-*press conference* dwar id-dar ta' l-anzjani meta l-Kunsill ħadem ħafna għaliha. Is-Segretarju qal li bħala Kunsill ma rċevejna xejn dwar din l-attivita'. Il-Kunsillier is-Sur Fenech Adami talab lis-Segretarju biex tinkiteb ittra ta' protesta dwar dan il-fatt.

95.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami ressaq mozzjoni numru 2/19 li kienet ukoll iġġib il-firma tas-Sinjuri Kunsilliera John Mizzi, Marie Claire Zammit, Antoine Attard, u John Borg. Din kienet tgħid hekk:

"Mozzjoni rigward is-sistema tat-traffiku li hemm fiż-żona ta' toroq Olaf Gollcher, Triq it-Torri (il-parti ta' isfel) u Triq Lorenzo Gatt.

Minħabba l-entratura li saret minn Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass) għal ġo triq it-Torri, (il-parti ta' isfel) minn Transport Malta, liema entratura saret mingħajr konsultazzjoni magħna l-kunsilliera u mingħajr ma ġiet diskussa fil-laqgħat tal-Kunsill Lokali Birkirkara, din qed toħloq periklu għar-residenti li jgħixu f'dik iż-zona u għas-sewwieqa li jgħaddu minn hemm. B'konsegwenza ta' din l-entratura, it-traffiku f'dawn it-toroq żied konsiderevolment.

Għaldaqstant qed nipproponu li jsir traffic management mill-ġdid u effiċjenti ta' kif għandhom joħorġu l-karozzi lura ġol-bypass ta' Birkirkara mingħajr ma jinħoloq periklu għar-residenti li jgħixu ġot-toroq hawn fuq imsemmija. Fil-passat kienu saru xi proposti minn residenti stess, liema proposti qatt ma ġew attwati."

95.4.6 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li meta saru proposti kien hemm xi residenti li ma qablux.

95.4.7 Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu u se ssir talba lil Transport Malta.

95.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami ressaq kumment li l-Monti ma għandux jarma quddiem il-bażilika. Is-Sindku qalet li ma hemmx alternattiva għalissa ħlief li forsi jiftehmu bejniethom u jitilgħu iżjed fil-ġnub tal-Knisja imma hemm ħafna diżgwid.

**95.5 Tender Perit – Mistoqsijiet dwar *Invoices***

95.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm problema bil-kontijiet tal-perit għaliex qed jiċċarġjana bit-tariffa K – 6% fuq il-ġonna meta t-tender intrebaħ b'rati oħra. Is-Segretarju qal illi hu jifhem li f'każ ta' bini tiġi applikata din it-tariffa imma mhux fuq ġonna. Is-Segretarju ltaqa' mal-perit u spjegalu x'inhi l-problema pero' ma nstabx ftehim. Is-Sindku ssuġġeriet illi jitlaqqa' bord biex jiddiskuti din il-problema, b'żewġ persuni li huma fdati miż-żewġ naħat, jiġifieri s-Sur Adrian Mifsud, eks direttur tal-Gvern Lokali u l-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

95.5.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li din il-problema nqalgħet għax il-periti kulħadd beda jkisser il-prezzijiet bejniethom u jiddependi kif ħareġ it-tender għax ġie li jkun hemm referenzi għal din it-tariffa. Is-Segretarju qal li t-tender inħareġ fuq it-*template* tad-dipartiment. Kien hemm qbil li jitlaqqa' dan il-bord biex nanalizzaw it-tender u nippruvaw naslu għal soluzzjoni.

**95.6 Finanzi**

95.6.1 Il-konsulent finanzjarju s-Sur Christian Vella ressaq quddiem il-kunsill ir-rapport finananzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena.

95.6.2 Ġie reġistrat accounting deficit ta' 39,000Euro li pero' ma jinkwetawx lill-*accountant* għax kien hemm diprezzament ta' kważi 60,000Euro

95.6.3 Madankollu l-accountant ġibed l-attenzjoni illi kellna spejjeż aktar milli bbaġidjajna fuq *operations and maintenance* u amministrazzjoni. Dan huwa attribwih għall-elezzjoni tal-kunsill allura ikun hemm domandi u pressjoni ħafna ikbar mir-residenti u għall-maltemp li din is-sena kien

qawwi u għamel ħsarat kbar fit-toroq. Hu ssuġerixxa illi hekk kif tgħaddi l-elezzjoni nnaqsu l-pass ħalli nippruvaw inzommu mal-baġit.

95.6.4 L-indikatur finanzjarju huwa -35% li mar għall-agħar minn -27%

95.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-rapport kien wasallu dak il-ħin stess u xtaq jerġa' janalizza ċerti figuri. Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li huwa inkwetanti li s-Segretarju ma kienx iċċekkja l-figuri qabel. L-*accountant* ikkonferma illi r-rapport kien ħarġu dak inhar stess u ma kellux ċans jiddiskutih.

95.6.6 L-*accountant* qal illi ħaġa oħra li qed tinkwetah hija l-ispiża ta' servizzi professjonali għax daqt jinqabeż il-baġit. Is-Segretarju qal li din jista' jispjegaha peress li aktar kmieni matul is-sena fuq deċiżjoni tal-Kunsill daħħalna *contracts manager*.

95.6.7 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi jekk saru spejjeż minħabba l-elezzjoni mhux tajjeb u jispera li l-flus intefqu għax kien hemm bżonn ta' veru.

95.6.8 Il-konsulent finanzjarju qal li l-iktar figura li għalih tagħmel sens hija l-indikatur finanzjarju u ma hemmx għalfejn nippanikkjaw għax dak għamel żmien -50%.

95.6.9 Il-Kunsillier is-Sur Patrick Owen Attard staqsa kemm kien id-dejn meta fetħet il-leġislatura. Il-konsulent finanzjarju qal illi jekk mhux sejjer żball, id-dejn kien ta' 1.2 miljun Euro u indikatur -50%.

95.6.10 Is-Sindku qalet illi x-xogħol sar tul leġislatura sħiħa u mhux biss qabel l-elezzjoni. Hija qalet li qed naħdmu bil-ħaddiema ta' l-iskemi u kieku nużaw kuntrattur kien ikollna spejjeż doppji.

95.6.11 Ir-rapport finanzjarju ġie approvat b'mod unanimu.

**95.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 72 u *petty cash***

95.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech għaddiet għall-approvazzjoni tal-membri l-listi tal-*petty cash*. Dawn ġew issekondati mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg u approvati nem. con.

95.7.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet għall-approvazzjoni l-iskedi ta' pagamenti 72. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-finanzi għaddew b'mod unanimu.

**95.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

95.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00pm u ġiet aġġornata għal l-Erbgħa 15 ta' Mejju fil-5pm.

Konfermati, illum 24 ta' Ġunju 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |